

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10369/18

MOG 45
COPS 232
CFSP/PESC 601
COHAFA 51
RELEX 577
YEMEN 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10238/18, MOG 44, COPS 231, CFSP/PESC 600, COHAFA 50, RELEX
576, YEMEN 2

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen, adottati mill-Kunsill
fil-laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-JEMEN

1. L-UE ttenni t-tħassib estrem tagħha dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni fil-Jemen u li l-partijiet involuti fil-konflitt segwew triq ta' konfrontazzjoni militari, l-aktar reċentement f'Hodeidah u l-inħawi. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-ostilitajiet u deterjorazzjoni ulterjuri ta' sitwazzjoni umanitarja diġà katastrofika. L-UE ttenni li ma jista' jkun hemm ebda soluzzjoni militari għall-konflitt u tappoġġa bis-sħiħ lill-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU (UNSE) għall-Jemen, Martin Griffiths, u l-isforzi tiegħu biex iwassal għal soluzzjoni politika inklużiva ta' dan il-konflitt. F'dan il-qafas, l-UE ser iżżomm l-impenn tagħha mal-partijiet kollha fil-konflitt u tinsab lesta li żżid l-azzjoni tagħha fil-Jemen, inkluż fl-għoti tal-għajnuna umanitarja fil-pajjiż kollu u fil-mobilizzazzjoni ta' assistenza għall-iżvilupp għall-finanzjament ta' proġetti f'setturi kruċjali. L-UE tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar il-frammentazzjoni tal-istruttura politika interna fil-Jemen. L-UE taferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha għall-unità, is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Jemen u tappella lill-atturi kollha fil-pajjiż u fir-reġjun biex jirrispettawhom b'mod sħiħ.
2. L-UE tfakkar fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar il-Jemen, u b'mod partikolari dawk tat-3 ta' April 2017 u tas-16 ta' Novembru 2015. Il-paċi sostenibbli tista' tinkiseb biss permezz ta' negozjati li jinvolvu l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet kollha kkonċernati inkluż is-soċjetà ċivili, in-nisa u ż-żgħażaġh. Għaldaqstant l-UE tappoġġa l-isforzi tal-UNSE biex il-proċess politiku jerġa' jinbeda mill-ġdid, b'mod partikolari l-intenzjoni tiegħu li jġedded in-negozjati politiċi inklużivi kemm jista' jkun malajr, biex jiddiskutu l-qafas politiku tiegħu dwar arranġamenti tranżizzjonali f'sekwenza ta' politika u ta' sigurtà. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha li l-aħħar żviluppi jheddu li jdgħajfu l-isforzi mmexxija min-NU biex jerġgħu jibdew in-negozjati lejn soluzzjoni politika tal-konflitt u tilqa' d-determinazzjoni tan-NU, kif espressa mill-UNSE Martin Griffiths, biex jissoktaw bil-proċess politiku. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex iwaqqfu din l-eskalazzjoni, irażżnu ruħhom, jaħdmu b'mod urġenti biex jieqaf il-għied fil-pajjiż kollu u jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv man-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tappella sabiex il-Mibgħut Speċjali tan-NU jingħata aċċess sħiħ u bla xkiel għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-Jemen.

3. L-UE tinsab serjament imħassba dwar l-intensifikazzjoni reċenti tal-operazzjonijiet militari fil-belt u l-port ta' Hodeidah u l-inħawi, inkluż l-impatt tal-operazzjonijiet militari mill-Koalizzjoni fuq il-popolazzjoni ċivili. L-UE tkegġeg lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u biex jirrispettaw bis-siħ id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel u l-passaġġ sikur għal dawk li jixtiequ jaħarbu mill-ġlied. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar li bħalissa ma hemm l-ebda alternattiva vijabbli għall-port ta' Hodeidah bħala ċentru tad-distribuzzjoni għall-oġġetti kummerċjali u umanitarji meħtieġa u tappella lill-partijiet kollha biex jiżguraw il-funzjonament siħ u effettiv tal-port ta' Hodeidah bħala salvataġġ kritiku għall-appoġġ umanitarju u l-punt ta' aċċess kummerċjali għal provvisti essenzjali.
4. L-UE tikkundanna t-tfiġh ta' missili ballistiċi mill-Houthis kontra r-Renju tal-Arabja Sawdija, inkluż fuq miri ċivili, u kontra bastimenti li jittranżitaw fl-Istrett ta' Bab Al Mandab. L-UE tesprimi tħassib gravi dwar il-proliferazzjoni ta' missili u teknoloġija ballistiċi. Dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu għat-tensjonijiet reġjonali u jheddu s-sigurtà u l-istabbiltà tal-ġirien tal-Jemen, inkluż fil-Qarn tal-Afrika, il-libertà tan-navigazzjoni, partikolarment fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar, u l-kummerċ marittimu globali. L-UE tinnota bi tħassib il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Panel ta' Esperti tan-NU dwar il-Jemen li sab nuqqas ta' konformità mal-embargo fuq l-armi stabbilit bil-paragrafu 14 tar-Riżoluzzjoni 2216 tal-KSNU.
5. L-istabbiltà fir-reġjun hija ta' importanza kritika għall-UE. L-UE ser issaħħaħ l-isforzi tagħha dwar il-Jemen u hija impenjata favur approċċ komprensiv u strateġiku li jiġbor fih l-atturi reġjonali rilevanti kollha. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati b'mod attiv biex jilħqu lill-atturi reġjonali, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet politiċi msaħħa, b'appoġġ għall-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Jemen għall-promozzjoni ta' ftehim komprensiv biex jintemm il-konflitt. L-UE ġġedded l-appell tagħha lill-atturi internazzjonali u reġjonali kollha biex jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv mal-partijiet Jemeniti sabiex ikun hemm de-eskalazzjoni tal-kriżi tal-konflitt u tinstab soluzzjoni negozjata.

6. L-UE ttenni l-kundanna qawwija tagħha tal-attakki kontra l-popolazzjoni ċivili u ġġedded l-appell urġenti tagħha lill-partijiet kollha biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u biex jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' distinzjoni bejn il-popolazzjoni ċivili u l-għellieda, kif ukoll bejn l-oġġetti ċivili u l-oġġetti militari, il-prinċipju ta' proporzjonalità, u biex jieħdu prekawzjoni fil-kondotta tal-ostilitajiet. L-UE tinsab imħassba profondament dwar l-impatt tal-ostilitajiet li għaddejnin, inkluż il-bumbardamenti f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, l-assedji tal-bliet, l-użu ta' mini kontra l-persunal u munizzjonijiet dispersivi, kif ukoll l-attakki li jikkawżaw il-qerda ta' infrastruttura ċivili inkluż skejjel, faċilitajiet mediċi, żoni residenzjali, swieq, sistemi tal-ilma, portijiet u ajruporti. L-iżgurar tas-sens ta' responsabbiltà għall-vjolazzjonijiet huwa parti importanti mill-proċess sabiex tinkiseb soluzzjoni dejjiema tal-konflitt attwali. L-UE tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex itemmu r-reklutaġġ jew l-użu ta' tfal bħala suldati u ksur gravi ieħor kommess kontribom bi ksur tad-dritt internazzjonali u l-istandards applikabbli. L-UE tappella wkoll lill-partijiet kollha biex jeħilsu lit-tfal li diġà ġew reklutati u biex jikkooperaw man-NU għar-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fil-komunitajiet tagħhom. L-UE tappella wkoll lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex jipprevjenu u jirrispondu għall-forom kollha ta' vjolenza, inkluż il-vjolenza sesswali u dik sessista, f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat.
7. L-UE ttenni l-appell urġenti tagħha lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet effettivi, imparzjali u indipendenti fir-rigward tal-allegazzjonijiet kollha ta' ksur u abbuż tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur allegat tad-dritt umanitarja internazzjonali, f'konformità mal-istandards internazzjonali u bil-ħsieb li tintemm l-impunità. F'dan il-kuntest, l-UE tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti A/HRC/36/31 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti Eminent Internazzjonali u Reġjonali. Aħna nappellaw lill-partijiet kollha biex jestendu l-aċċess u l-kooperazzjoni sħaħ u trasparenti u lill-Grupp biex iwettaq il-mandat tiegħu. Bl-istess mod aħna nħeġġu l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem biex ikompli jipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni Nazzjonali.

8. L-UE hija mħassba wkoll dwar iż-żieda tal-preżenza fil-Jemen ta' gruppi kriminali u terroristiċi, inkluż l-Al Qaeda fil-Peniżola Għarbija u d-Da'esh, u tikkundanna l-attakki terroristiċi kollha bl-aktar mod qawwi. L-UE tteġġeg lill-Gvern tal-Jemen biex jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu fil-ġlieda kontra gruppi terroristiċi li qed japprofittaw mill-instabbiltà attwali. Huwa partikolarment importanti li l-partijiet kollha fil-konflitt jieħdu azzjoni deċiżiva kontra gruppi ta' dan it-tip.

9. Il-konflitt li għaddej fil-Jemen daħal fir-raba' sena tiegħu u pproduċa l-aġħar kriżi umanitarja fid-dinja: aktar minn 22 miljun persuna – 80 % tal-popolazzjoni – issa jeħtieġu appoġġ umanitarju jew ta' protezzjoni. Aktar minn 10 miljun ruħ huma fil-bżonn serju ta' assistenza. Aktar minn 2 miljun persuna ġew spostati internament. Persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, in-nisa u t-tfal, huma partikolarment affettwati mill-ostilitajiet li għaddejjin. Minkejja l-isforzi tal-komunità umanitarja, fil-Jemen aktar minn 17-il miljun ruħ m'għandhomx sigurtà tal-ikel, li minnhom aktar minn tmien miljun persuna għandhom problema serja ta' sigurtà tal-ikel u jinsabu fir-riskju li jmutu bil-ġuħ. L-interruzzjoni tal-provvista ta' servizzi pubbliċi essenzjali, partikolarment fis-saħħa, is-sanità u l-edukazzjoni, komplet tikkomplica il-kriżi umanitarja li għaddejja bħalissa. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, l-UE tilqa' il-Pjan ta' Rispons Umanitarju għall-Jemen tal-2018 tan-Nazzjonijiet Uniti u tesprimi l-apprezzament tagħha għar-riżultati tal-Avveniment ta' Livell Għoli dwar il-Jemen tal-2018 li tlaqqa' f'Ġinevra min-Nazzjonijiet Uniti u l-Gvernijiet tal-Iżvezja u l-Iżvizzera fejn id-donaturi internazzjonali wiegħdu aktar minn USD 2 biljun. L-UE tteġġeg lid-donaturi kollha biex jiżborżaw il-wegħdiet tagħhom malajr u jgħadduhom permezz il-Pjan ta' Rispons Umanitarju għall-Jemen tan-NU tal-2018 bħala parti minn rispons internazzjonali kkoordinat għall-kriżi.

10. L-UE tibqa' impenjata biex tkompli tipprovdi għajnuna li ssalva l-ħajjiet lin-nies kollha fil-bżonn fil-Jemen. Fl-istess ħin, l-UE tikkondividi t-ħassib tan-NU u donaturi oħrajn dwar it-tnaqqis kontinwu tal-ispazju umanitarju, kif attestat mid-diffikultajiet fil-ksib ta' viżi u permessi, il-molestji, l-intimidazzjoni u l-immirar tal-persunal umanitarju, il-proliferazzjoni tal-punti ta' kontroll u d-detenzjonijiet arbitrari, il-konfiska u t-tassazzjoni indebita tal-għajnuna minn uffiċjali tad-dwana jew il-kanċellazzjoni ta' programmi, inkluż kampanji ta' tilqim. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jinvolvu ruħhom mal-komunità umanitarja in bona fede sabiex jiżguraw li n-nies fil-Jemen jistgħu jaċċedu għall-assistenza li jeħtieġu b'urġenza. L-UE tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali biex jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess sikur, rapidu u mingħajr xkiel għall-provvisti umanitarji u l-persunal lin-nies kollha fil-bżonn fil-provinċji milquta kollha. L-UE tissottolinja li l-assistenza umanitarja għandha titwassal b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza abbażi tal-ħtiġijiet, u tiċħad kwalunkwe attentat li jista' jikkomprometti t-twettiq tagħha. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għal koordinazzjoni effiċjenti u effettiva fost id-donaturi.

11. L-UE hija wkoll estremament imħassba dwar l-impatt li għandhom ir-restrizzjonijiet tal-aċċess fuq l-importazzjonijiet kummerċjali u umanitarji fuq is-sitwazzjoni umanitarja u tistieden lill-partijiet kollha involuti fil-konflitt biex jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess sikur, rapidu u mingħajr xkiel għall-provvisti kummerċjali u umanitarji, inkluż l-ikel importat, il-karburant u l-prodotti mediċi. Huwa essenzjali li jkun hemm garanzija ta' ftuħ sħiħ u kontinwu tal-portijiet u l-ajruporti kollha tal-Jemen, inkluż l-portijiet ta' Hodeidah u Saleef u l-ajruport ta' Sana'a, għall-importazzjonijiet kummerċjali u umanitarji kollha kif ukoll l-evakwazzjonijiet mediċi u t-titjiriet kummerċjali. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-ipproċessar effettiv u f'waqtu għan-navigazzjoni kummerċjali, inkluż il-karburant, u tappoġġa bis-sħiħ it-tkomplija tal-UNVIM (Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti) u l-implimentazzjoni sħiħa u mingħajr xkiel tal-mandat tiegħu u ser tikkunsidra ssaħħu. Biex il-UNVIM ikun jista' jopera b'mod effettiv u jwettaq il-mandat tiegħu hija essenzjali l-kooperazzjoni sħiħa tal-Koalizzjoni u l-Gvern tal-Jemen. L-UE tappella b'mod partikolari lill-Koalizzjoni sabiex tiżgura li l-bastimenti diġà kklerjati mill-UNVIM jitħallew malajr jilhq u l-port tad-destinazzjoni tagħhom fil-Jemen. L-UE ġġedded l-appell tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-embargo fuq l-armi mmirat impost mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'dan ir-rigward, l-UE ttenni wkoll l-applikazzjoni stretta tar-regoli stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni 2008/944 dwar l-esportazzjoni ta' armi.
12. L-UE tesprimi t-ħassib tagħha dwar rapporti ta' ċaħda tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin li jinkludi d-diskriminazzjoni, id-detenzjoni illegali u l-użu tal-vjolenza. L-immirar ta' minoranzi reliġjużi huwa partikolarment ta' ħassib. Il-libertà tal-espressjoni hija wkoll mhedda b'rapporti ta' ġurnalisti arrestati. L-UE tesprimi wkoll ħassib dwar rapporti kredibbli tal-użu ta' ħabsijiet sigrieti f'żoni taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Jemen.

13. L-UE hija mħassba profondament dwar l-istat ta' kważi kollass tal-ekonomija tal-Jemen. Il-PDG tal-pajjiż naqas b'aktar min-nofs mill-bidu tal-konflitt fl-2015 u madwar 40 % tal-familji rrapportaw it-telf tas-sors ta' introjtu primarju. Il-kriżi ekonomika, il-kollass tas-servizzi pubbliċi, l-inflazzjoni rampanti, b'mod partikolari fil-prezzijiet tal-komoditajiet bażiċi (il-prezzijiet tal-ikel għolew bi 30 %), u l-iżvalutar tar-riyal Jemeni li naqas bin-nofs fil-valur, saru l-ixpruni tal-kriżi umanitarja. Il-ħlas regolari tas-salarji għal sa 1.4 miljun ħaddiem tas-settur pubbliku mhux militari Jemenit effettivament waqaf fi tmiem l-2016, biex b'hekk huma u l-5.6 miljun dipendenti tagħhom ma setgħux jaffordjaw ikel jew mediċini b'mod regolari. Peress li l-uffiċjali pubbliċi ma tħallsux, nofs il-faċilitajiet tas-saħħa biss tal-Jemen qed jiffunzjonaw u ma hemmx manutenzjoni tas-sistemi tal-ilma u d-drenaġġ. Għalhekk, l-UE tappella lill-Gvern tal-Jemen biex iħallas bħala kwistjoni ta' urġenza s-salarji tal-ħaddiema tas-settur pubbliku, inkluż l-arretrati, madwar il-pajjiż kollu, b'mod partikolari lil dawk li jaħdmu f'setturi kritiċi tal-edukazzjoni, is-saħħa u s-sanità, u biex jamministra d-dħul u l-kontijiet tiegħu b'mod responsabbli u trasparenti, anke billi jiżgura funzjonament aħjar u newtrali tal-Bank Ċentrali tal-Jemen fl-interess tal-Jemeniti kollha.
14. L-UE ser tkompli tipprovdi assistenza għall-iżvilupp lill-Jemen billi tagħti prijorià lill-interventi diretti favur l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż permezz tal-għoti ta' għarfien espert tekniku, it-taħriġ, il-mentoraġġ u assistenza in natura lill-partijiet ikkonċernati madwar il-pajjiż. L-UE ser taħdem f'żoni stabbli mal-awtoritajiet lokali biex tippromwovi r-reżiljenza, tgħin biex tinżamm il-provvista ta' servizzi bażiċi u trawwem għajxien sostenibbli għall-komunitajiet, speċjalment dawk li qed ibatu l-impatt ta' spostament fit-tul. L-azzjonijiet ser ikunu ffukati b'mod partikolari f'oqsma bħas-saħħa, in-nutrizzjoni u r-reżiljenza rurali. L-UE ser tiżgura komplementarjetà u sinerġija sħaħ bejn l-assistenza umanitarja u dik għall-iżvilupp tul sekwenza ta' rispons għall-kriżi, irkupru bikri, reżiljenza, u azzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni.